

## V

(Avviżi)

## PROCEDURE AMMINISTRATIVE

## IL-KUNSILL

**Sejħa għall-applikazzjonijiet għall-ħatra ta' mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea**

(2009/C 53/06)

1. Il-Kunsill iddeċieda, permezz tad-Deċiżjoni 2004/752/KE <sup>(1)</sup>, Euratom, li jistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li għandu jifforma parti mill-Qorti ta' Prim<sup>a</sup> Istanza tal-Komunitajiet Ewropej u jkollu s-sede tiegħu fil-Qorti ta' Prim<sup>a</sup> Istanza, għandu ġurisdizzjoni ta' Prim<sup>a</sup> istanza f'disputi bejn il-Komunitajiet u l-aġenti tagħhom kif previst fl-Artikolu 236 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KEEA, inklużi disputi bejn il-korpi jew l-aġenziji kollha u l-persunali tagħhom li fir-rigward tagħhom il-ġurisdizzjoni hija mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja.
2. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huwa kompost minn seba' mħallfin, li minn fosthom għandu jingħażel il-president. L-imħallfin għandhom jinħatru għal perjodu ta' sitt snin; dan jista' jiġġedded. L-imħallfin jinħatru mill-Kunsill li jaġixxi unanimament, wara konsultazzjoni ma' kumitat ta' seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim<sup>a</sup> Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Il-kumitat jaġti l-opinjoni tiegħu dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex iwettqu d-dmirijiet ta' mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Il-kumitat jehmeż ma' l-opinjoni tiegħu lista ta' kandidati li għandhom l-esperjenza ta' livell għoli l-aktar adattata. Il-lista għandha tikkontieni numru ta' ismijiet ta' kandidati li huwa mill-inqas id-doppju ta' kemm għandhom jinħatru mħallfin.
3. Il-mandat u l-kondizzjonijiet ġenerali għat-tweqqif tad-dmirijiet ta' mħallef huma stabbiliti permezz tal-Artikolu 5 tal-Anness I tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif emendat bid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom. Ir-remunerazzjonijiet, il-pensjonijiet u l-allowances tagħhom huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 202/2005 tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2005 li jemenda r-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Registatur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, tal-Membri u tar-Registatur tal-Qorti tal-Prim<sup>a</sup> Istanza <sup>(2)</sup>.
4. Wieħed mill-imħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rriżenja u għaldaqstant tnediet sejħa għall-applikazzjonijiet bil-ħsieb li jinħatru imħallf għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2015.
5. Jirriżulta, mill-Artikoli 225a tat-Trattat tal-KE u 140b tat-Trattat tal-KEEA, konguntemment ma' l-Artikolu 3 tal-Artikolu I tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif emendat bid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom, li l-kandidati għall-ħatra ta' mħallef jeħtieġu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:
  - ikunu persuni li l-indipendenza tagħhom tkun lil hinn minn kull dubbju,
  - ikollhom il-kapaċità meħtieġa għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji,
  - ikunu ċittadini tal-Unjoni.

Il-kandidati huma mitluba jinnutaw li minbarra dawk il-kondizzjonijiet minimi l-kumitat imsemmi hawn fuq għandu jikkonsidra b'mod partikolari l-kapaċità tal-kandidati li jaħdmu fi ħdan struttura kolleġjali f'ambjent multinazzjonali u multilingwistiku, u wkoll in-natura, l-importanza u t-tul ta' żmien tal-esperjenza tagħhom adegwata għall-qadi tad-dmirijiet li għandhom iwettqu.

<sup>(1)</sup> ĠUL 333, 9.11.2004, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠUL 33, 5.2.2005, p. 1.

6. L-applikazzjonijiet għandhom ikollhom mehmuża magħhom curriculum vitae u ittra li tagħti r-raġunijiet għall-applikazzjoni, u wkoll kopji tad-dokumenti ta' sostenn.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  
Sejħa għall-applikazzjonijiet fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku  
Bureau 20 40 GM 23  
Rue de la Loi 175  
B-1048 Brussell.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'ittra reġistrata biss, sa mhux aktar tard mit-3 ta' April 2009 (bit-timbru tal-posta kkunsidrat bħala prova).

Biex it-trattament tal-applikazzjonijiet jitħaffef, l-applikanti huma mitlubin jibagħtu l-kurrikulum vitae u l-ittra li tagħti r-raġunijiet għall-applikazzjoni bil-posta elettronika, preferabbilment fil-format Word (min-għajr ma jintuża l-format PDF) fl-indirizz li ġej:

cdstfp@consilium.europa.eu

Il-fatt li d-dokumenti jintbagħtu bil-posta elettronika ma jfissirx li m'għandhomx jintbagħtu permezz ta' ittra reġistrata u lanqas m'għandu impatt fuq l-ammissibbiltà ta' applikazzjoni.

---